MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 798/2000/1

**Ruth Spiteri**

**vs**

**Emanuel Vella ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' "Raymonda Limited".**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Marzu 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz meritu ta' dan il-kaz fuq riferit datat id-19 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallasha s-somma ta’ sitt mitt lira Maltin (LM600) rapprezentanti s-sehem taghha minn depozitu ta’ elfejn lira li hija u Clifford Baldacchino kienu ddepozitaw mieghu fuq konvenju ghat-trasferiment tal-appartament numru tnejn (2) f’dak bla numru bl-isem “Raymanda Appartments” fi Triq il-Port Ruman, Qawra, San Pawl il-Bahar, liema konvenju thassar;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta’ Novembru, 1999 u bl-imghax mid-data tal-iskadenza tal-konvenju kontra l-konvenut noe minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-20 ta’ Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut nomine eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont li qed tippretendi l-attrici mhux dovut u dan skond it-termini tal-konvenju datat sitta u ghoxrin (26) ta’ Gunju, 1999;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenut nomine onora l-obbligazzjonijiet kollha naxxenti mill-istess konvenju u jekk kien hemm xi ammont li kellhom jigu rifuzi lill-kompraturi in solidum dawn fil-fatt gew rifuzi;

3. Illi minhabba inadempjenza tal-attrici li ma resqitx ghall-kuntratt finali, l-konvenut nomine sofriet danni ingenti li jissuperaw l-ammont pretiz mill-attrici kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Appartments, Triq il-Port Ruman, il-Qawra;

2. Illi fil-konvenju li eventwalment gie rexiss l-attrici u dan Baldacchino effettwaw depozitu ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), konsistenti f'sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0), fi flus kontanti u l-kumplament permess ta' cekk;

3. Illi l-ammont ta' flus kontanti ndikati fil-paragrafu precedenti hargithom l-attrici;

4. Illi r-rexissjoni ta' l-imsemmi konvenju saret b'mod bonarju u l-konvenut ghadda cekk indirizzat lill-imsemmi Baldacchino ammontanti ghall-elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0) lin-nutar fuq indikat;

5. Illi ghalkemm Baldacchino u l-attrici ipprovaw isarfu c-cekk dan ma sarx;

Ikkonsidrat Illi flimkien ma Clifford Baldacchino, gia gharus ta' l-attrici, it-tnejn resqu ghall-konvenju in atti tan-Nutar Lia u datat is-26 ta' Gunju ta' l-1999 biex jixtru appartament f'Raimonda:

Illi in effetti l-mekkanizmu tac-cekk fuq indikat hu ghal kollox irrilevanti ghall-vertenza in dizamina stante li sallum ghal xi raguni jew ohra ma ssarafx;

Illi ghalhekk jibqa' l-fatt li l-konvenut nomine ghad ghandu jirrifondi l-ammont ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), lil Baldacchino u lill-attrici, konsistenti fl-ammont ta' elf u erba' mitt Lira Maltin (LM1,400.00,0) lil ta' l-ewwel u sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0), lill-attrici, liema ammonti anke rrizultaw hekk maqsumin bejn l-imsemmiha ex-gharajjes anke mid-deposizzjoni guramentata ta' l-istess Baldacchino;

Illi jirrizulta li l-ammonti hekk proporzjonati huma dovuti mill-konvenut nomine;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil Emanuel Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "Raymonda Limited" ihallas lill-attrici Ruth Spiteri l-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru ta' l-1999."

Il-konvenut nomine hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u minnha interpona appell bl-aggravju li jolqot il-meritu u l-imghaxijiet imposti.  F'termini generali l-appellant nomine jsostni li l-ewwel Qorti:-

i. zbaljat fl-evalwazzjoni tal-provi prodotti u tal-konkluzjoni bazata fuq dawn l-istess provi;
ii. zbaljat meta akkollat l-imghaxijiet legali mit-2 ta' Novembru 1999.

Hu pacifiku li din il-Qorti ma tindahalx, in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi ("Elena Magri et –vs- Rosaria sive Rosa Borg", Appell Civili, 10 ta' Frar 1961).  Dan ma hux il-kaz fil-fattispecje prezenti.

Anzi l-Qorti tqis li fic-cirkostanzi maghrufa dan huwa wiehed minn dawk il-kazijiet fejn certament bhala Qorti ta' revizjoni ma ghandiex tindahal biex tissindika l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti.  Il-Qorti hi moralment konvinta li l-qorti tal-ewwel grad ghamlet valutazzjoni korretta tal-provi u li l-konkluzjoni taghha tikorrispondi sew ghall-uniku rizultat li kellu jigi raggunt.

Biex jaghti sostenn lill-posizzjoni assunta minnu l-appellanti javanza dawn l-argomenti:-

i. Huwa kien irrimborsa lura l-ammont  totali li kien irceva fuq l-att tal-konvenju;

ii. Ic-cheque korrispondenti ghal dan l-ammont ma ssarrafx minhabba dizgwid bejn l-attrici u l-ex-gharus taghha Clifford Baldacchino. Incidentalment, dan tal-ahhar huwa wkoll neputi tieghu.
iii. Illi huwa ma giex mitlub minnhom it-tnejn flimkien biex jiddividi l-ammont skond kif ippretendiet l-attrici. Kieku ghamel hekk ikun ikun qed jagixxi illegalment u jesponi lilu nnifsu ghal proceduri kontrih minn Clifford Baldacchino.
iv. Ic-cheque li kien hareg biex jissalda l-ammont li kien hekk inghata fl-okkazzjoni tal-konvenju ma giex ritornat lura lilu.

Issa l-appellanti huwa preciz fuq certi aspetti pero’ zbaljat dwar ohrajn. Hekk huwa korrett fejn jistqarr illi meta rceva l-ammont ta’ elfejn lira (Lm2000) ma saret l-ebda distinzjoni bejn dak li kkontribwit l-attrici u dan li kkontribwixxa l-ex-gharus taghha. Dan tikkonfermah l-istess appellata (fol 14).

L-appellant hu korrett ukoll meta ddepona li c-cheque rilaxxjat minnu u mholli f’idejn in-Nutar ma ssarrafx minhabba li kif ammess minn Clifford Baldacchino dan iddecieda li ma jiffirmax ic-cheque ghax fi kliemu stess “hekk fettilli dak il-hin” (fol 24).

B’danakollu l-appellant ma jistax jistahba wara l-paraventu ta’ dan id-dizgwid jew wara l-montatura li kieku hallas lura lill-attrici s-sehem taghha kien jirriskja li jigi espost ghal xi azzjoni minn neputih stess.

Mill-istess deposizzjoni tieghu (fol 28) jirrizulta sodisfacentement illi hu kien xjenti tal-fatt illi fuq il-konvenju neputih ghaddielu cheque ghal elf u erba mitt lira (Lm1400) u li l-bilanc ammontanti ghal sitt mitt lira (Lm600) tathomlu l-attrici. Kienet din l-ahhar somma li l-attrici nsistiet li ghandha tircievi minn ghandu.

Minflok ma ghadda ghal hlas kif hekk kien dovut jaghmel, u meta kien jaf li c-cheque ma ssarrafx minhabba l-allegat dizgwid, huwa opta illi jzomm il-flus ghandu bl-iskuza li hu

ma jidholx fil-kwestjoni bejn l-attrici u l-ex-boyfriend taghha.

Huwa kellu imbaghad ix-xelta li jghaddi ghad-depozitu tal-ammont taht l-awtorita` tal-Qorti biex jezimi ruhu minn kull responsabilita`, jekk tabilhaqq ried li l-Qorti temmen u taccetta l-argoment illi kieku hallas lill-attrici kien ikun qed jagixxi illegalment u jissoggetta ruhu ghall-proceduri. Izda lanqas din it-triq, hekk aperta ghalih skond id-dritt procedurali, ma deherlu li kellu jaghzel.

Taht dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax kif l-argomenti tal-appellanti jistghu jiggjovawh u ghalhekk ser tghaddi biex tirrispingihom in kwantu jolqtu l-meritu.

Fejn ghandu ragun l-appellanti jirrigwarda l-imposizzjoni tal-imghax mid-data stabbilita mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

Jirrizulta mill-istess att promotur tal-avviz illi l-missiva tat-2 ta' Novembru 1999 ma kienetx wahda ufficcjali izda merament interpellatorja. U kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1141 (2) tal-Kodici Civili "l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju".

B'aktar precizazzjoni jinsab ritenut illi "per far decorrere gli interessi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" ("**O'Connor –vs- Bruno Olivier**", Vol XVI pI p84).

Ghal dawn il-motivi tichad fil-meritu l-appell interpost u f'dan ir-rigward tikkonferma s-sentenza appellata. Invece tilqa' l-aggravju dwar l-imghaxijiet u tiddikjara li dawn ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tal-avviz (25 ta' Ottubru 2000).

L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu fic-cirkostanzi a kariku tal-konvenut nomine appellanti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------